MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2061/2002

***Gasan Enterprises Limited***

***vs***

***Mario Cachia f'ismu proprju u ghan-nom***
***tas-socjeta' Plumelec Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li l-konvenut propio et. nomine jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u erbgha u sebghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm874.80) rappresentanti l-hlas ta' ghaxar kambjali li gew iffirmati mill-

konvenut u li skadew fl-10 ta' Gunju 2002, fl-10 ta' Lulju 2002 u fl-10 ta' Awissu 2002, izda baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Lulju 2002 u tal-parir (Lm15), u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut proprio et. nominee debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Ra z-zewg noti pprezentati fil-5 ta' Novembru 2002 u fid-29 ta' Novembru 2002 li permezz taghhom is-socjeta' attrici rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin lira u tnejn u disghin centezmu (Lm349.92c) u dana stante illi l-konvenut proprio et. nomine effettwa xi pagamenti fil-mori tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont kif ridott fl-ammont ta' tlett mija u disgha u erbghin lira u tnejn u disghin centezmu (Lm349.92c) ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut proprio et. nomine jhallas lis-socjeta' attrici s-somma kif ridotta ta' tlett mija u disgha u erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm349.92c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Lulju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut proprio et.nomine.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

---------------------------------TMIEM---------------------------------